MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 382/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Darren Cross**
**Noel Grech**
**Charlot Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) F' xi hin bil- lejl fil- perjodu ta' bejn it- 23 u s- 26 ta' April 2010 volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe'
hsara li tikkkonsisti fi tqaccit ta' diversi sigar jewwa l-masgar maghruf bhala Foresta 2000 sitwat fil- Marfa limiti tal- Mellieha liema hsara li teccedi €1164.69 u li saret fil- propjeta' pubblika, tammonta komplessivament ghal €3960 u dan ghad- dannu tal- Gvern ta' Malta u/ jew persuni ohra;

2) Fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, bi ksur tar-Regolament 6 tal- Avviz Legali 12 ta’ 2001 Att Biex Ihares l- Ambjent (KAp 348) Regolamenti tal- 2001 dwar il-Harsien tas- Sigar u l- Imsagar, waqqghu jew ipprovaw iwaqqghu, qatghu jew ipprovaw jaqtghu, nehhew jew ipprovaw inehhu qoxra tas- sigra jew partijiet taghha, nehhew jew ipprovaw inehhu l- weraq tas- sigar jew partijiet taghhom, qalghu jew ipprovaw jaqilghu l- gheruq, nehhew jew ipprovaw inehhu l- injam wahhlu jew ipprovaw iwahhlu xi haga ma’ jew bi kwalunkwe mod qerdu jew ipprovaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ipprovaw jaghmlu hsara, lil xi sigar jew partijiet taghhom li huma elenkati fl- Iskedi I, II u III u ta’ xi sigar jew parijiet taghhom li jinsabu fl- inhawi elenkati fl- Iskeda IV li jinsabu ma’ dawn ir- regolamenti, hlief ghal ragunijiet ta’ maniggar jew ta’ intervent kirugiku mwettqa mid- Dipartiment jew mid- Dipartiment tal- Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati, msemmija fir- regolament 15 tal-Avviz Legali 12 tal- 2001 Att Biex Ihares l- Ambjent (Kap.348) Regolament tal- 2001dwar il- Harsien tas- Sigar u l-Imsagar (2) (c) u cioe sigar ta’ taht l- ghaxar snin fl-eta’;

3) Lil Noel Grech wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti ta’ l- Appell Kriminali datata 24 ta’ Settembru 2009, b’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LL.D, datata 3 ta’ Frar 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4) Lil Charlot Chetcuti wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ zewg sentenzi moghtija lilu mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LL.D datati 3 ta’ Gunju 2009 u l- 14 ta’ Ottubru 2009, rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Awissu, 2010 fejn Wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Ir-Regolament 6 tal- A.L. 12 ta’ 2001 Kapitolu 348 tal-Ligijiet

ta' Malta; Kif ukoll l- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Fuq ammissjoni il-Qorti sabet lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom multa ta' elf ewro (€1,000) kull wiehed. Inoltre, ai terminu tal- Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill- imputati jaghmlu servizz fil-komunita' ghal perjodu ta' tlett mitt (300) siegha kull wiehed. Ordnat ukoll li l-imputati jhallsu s-somma ta' elf, tlett mija u ghoxrin ewro (€1,320) kull wiehed lill- parte civile indikat fl-atti, ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-10 ta' Settembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma is-senteza appellata billi:

(1) tikkonferma dik il-parti fejn l-appellati instabu hatja tal-akkuzi kolha kif migjuba kontrihom,
(2) tikkonferma l-ordni tas-servizz fil-komunita` u tal-applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kap 446 u
(3) ghar-ragunijiet kif hawn fuq indikati tirrevoka il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena tal-multa li nghatat kontra Darren Cross, Noel Grech u Charlot Chetcuti, u tipporsegwi billi tinfliggi piena adegwata fic-crikostanzi tal-kaz u ai termini tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi in vista tal-fatt ill ibis-sentenza moghtija l-piena tal-multa kif inflitta mill-Qorti marret ferm that il-minimu preskritt mill-ligi. B' hekk l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta` giet biex tippronunzja ruhha u tinfliggi l-piena u dank if ser jigi muri hawn that:

Illi dan l-appell qieghed isir ai termini tal-artikolu 413(1)(B)(iii) tal-Kodici Kriminali u tar-regolamenti 15(5) tal-Avviz Legali 12 tas-sena 2001.

Illi preliminarjament jinghad lid an l-appell hwa limitat ghall-kwantum tal-multa erogata minn l-ewwel Qorti ai termini tal-Avviz Legali 12/2001, u dan peress li ai termini tal-ligi, l-ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni li timponi s-servizz fil-komunita' fuq l-appellati konsiderando s-sejbien ta' htija tal-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali li timponi piena ta' prigunerija ta' bejn it-tlettax ix-xahar u l-erba` snin u cioe` fil-parametri tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta li l-multa moghtija minn l-ewwel Onorabbli Qorti marret ferm that il-minimum rikjest mill-ligi u dan skond dak li hemm stabbilit fir-regolament 15 u 15(2) tal-Avviz Legali 12/2001 maghrufa wkoll bhala il-Legislazzjoni Sussidjarja 435.12. Ai termin tal-artikolu 6 ta' dawn ir-regolamenti naraw il-ksur li japplika fir-rigward tal-appellati skond l-akkuza kif migjuba kontrihom u debitament ammessi minnhom. Dan jinqara kif gej:

**'Ebda persuna ma tista` twaqqa` jew tipprova twaqqa`, taqta` jew tipprova taqta`, tnehhi jew tipprova tnehhi l-qoxra tas-sigra jew partijiet taghha, tnehhi jew tipprova tnehhi l-weraq tas-sigra, taqla` jew tipprova taqla` l-gheruq, tnehhi jew tipprova tnehhi l-injam, twahhal jew tipprova twahhal xi haga ma', jew bi kwalunkwe mod teqred jew tipprova teqred taghmel hsara jew tipprova taghmel hsara, lil xi sigra jew xi partijiet taghha li hija elenkata fl-Iskedi I, II u III u ta' xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV, hlief ghal ragunijiet ta' maniggar jew ta' intervent kirurgiku mewttqa mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati..'**

Filwaqt li l-artikolu 15 jelenka r-reati applikabbli ghal dawn ir-regolamenti, fosthom *'li tonqos li tosserva xi dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' xi ordni ohra legittimament moghtija bis-sahha ta' xi dispozizzjoni ta'*

*dawn ir-regolamenti*' u *'litagixxi bi skru ta' xi dispozizzjoni ta' dawn ir-regolamenti'* li b'hekk tinkludi l-ksur tar-regolament 6, is-subparagrafu (2) ghar-regolament 15 jindika l-pieni applikabbli b' referenza ghall-Iskedi annessi u ghaz-zona fejn dawn ir-reati ikunu gew kommessi.

(2) Kull persuna li taghmel, jew tipprova taghmel reat kontra dawn ir-regolamenti, tehel, meta tinstab hatja:

(a) fil-kaz ta' l-ewwel reat rigward sigar li huma elenkati fit-Taqsima A ta' l-Iskeda I u sigar li jinsabi fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV, multa ta' mhux anqas minn erba` mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghal kull sigra ta' aktar minn ghaxar snin fl-eta.

(b) Fil-kaz ta' l-ewwel reat rigward sigar li huma elenkati fit-Taqsima A ta' l-Iskeda I u sigar li jinsabi fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV, multa ta' mhux anqas minn erba` mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) ghal kull sigra ta' taht ghaxar snin fl-eta.

(c) Fil-kaz ta' l-ewwel reat rigward sigar li huma elenkati fit-Taqsima B ta' l-Iskeda I u fl-Iskedi II u III, multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghal kull sigra ta' taht ghaxar snin fl-eta.

(d) Fil-kaz ta' l-ewwel reat rigward sigar li huma elenkati fit-Taqsima B ta' l-Iskeda I u fl-Iskedi II u III, multa ta' mhux anqas minn tliet mija u disgha u erbghin euro u wiehed u erbghin centezmu (349.41) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) ghal kull sigra ta' taht ghaxar snin fl-eta.

(e) Fil-kaz tat-tieni jew ghal kull reat iehor sussegwenti, multa ta’ mhux inqas minn erba` mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn sitta u erbghin elf u hames mija u sebgha u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu (46,587.47) ghal kull sigra, jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

Illi fil-kaz in ezami qeghdin nitkellmu dwar is-sigar tat-tip *pinus halpensis* jew Znuber indikat ukoll bhala sigar tal-Prinjol maghrufin bil-lingwa Ingliza bhala *Aleppo Pines* ai termini tal-istima tad-danni debitament pprezentati in atti u indikati a folio 20 tal-process. Dawn is-sigar huma indikati fit-Taqsima B tal-ewwel skeda tar-regolamenti in kwistjoni bit-Titolu ‘Sigar Imharsa Strettament’ u di piu skond l-akkuza kif migjuba f’dan ir-rigward, is-sigar in kwistjoni kellhom inqas minn ghaxar snin fl-eta`. Ghaldaqstant is-subparagrafu applikabbli fil-kaz in kwistjoni huwa l-paragrafu (c) tal-artikolu 15(2) tar-regolametni kif hawn fuq ikkwotat.

Illi iktar importanti minn hekk, din l-istima debitament ezibita in atti, tindika kemm il-sigra giet imhassra u vvandalizzata mill-appellati u dawn jammontaw ghat-total ta’ mija u erba` (104) sigar b’kollox. Dan il-fatt ma giex ikkontestat mid-difiza b’ebda mod u jidher li l-Qorti kienet sodisfatta b’din il-prova peress li fin-nuqqas kien ikun l-obbligu tal-ewwel Qorti li tisma kwalunkwe provi in sostenn tad-dokument ipprezentat partikolarment konsiderando l-mod kif ghandha tigi applikata l-piena fir-rigward ta’ dan il-ksur.

Illi dan qed jinghad perress illi jekk naraw u nanalizzaw id-dicitura tal-ligi applikabbli l-multa li kellha tigi mposta kellha tammonta ghal bejn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghal kull sigra.

Illi ghaldaqstant l-appellant umilment jissottometti li permezz tal-multa ta’ elf Euro ghal kull akkuat kif moghtija minn l-ewwel Onorabbli Qorti, l-piena hekk erogata marret

ferm that il-minimum rikjest mill-ligi specifikatament ai termini tar-regolament 15(2)(c) tal-Avviz Legali 12/2001. Dan peress li bhala l-minimu assolut l-ewwel Qorti kellha timponi multa ta' mill-inqas €232.94 ghal kull sigra u cioe` ghal mija u erba` darbiet (mija u erba` sigar b'kollox). Madankollu l-ewwel Qorti naqset milli tapplika din il-piena skond il-ligi u dan minghajr l-ebda raguni valida. Filfatt li kieku din il-piena giet erogata kif suppost bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-akkuzati kellhom jehlu multa ta' tnax il-elf mitejn disgha u ghoxrin Euro u hamsa u tletin centezmu (€12,229.35) Kull wiehed u dang hall-ksur ta' din l-akkuza wahedha.

Illi ghalhekk huwa difficli hafna li wiehed jifhem u japprezza kif l-ewwel Qorti rnexxiela tasal ghall-piena ta' €1000 multa ghal kull akkuzat ghall-ksur taht l-avviz legali 12/2001 konsiderando wkoll li l-ewwel Qorti lanqs setghet tapplika d-dispozizzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali semplicement ghax fil-kaz inkwistjoni ma tezisti l-ebda cirkostanza specjali jew straordinarja li b'xi mod tista` tiggustifika l-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-26 t'April ta' l-2010 ghal habta ta' 9.15 am il-Pulizija rcievew rapport minn Raymond Vella bhala caretaker ta' Foresta 2000 li jinsab gewwa l-Imtarfa fil-limiti tal-Mellieha, li xi persuna jew persuni kienu vvandalizzaw numru konsiderevoli ta' sigar gewwa dan is-sit. Meta l-Pulizija marru fuq il-post, skoprew li kien hemm mija u erbgha sigar tas-Snuber li kienu gew issegati u mqaccta u dawn id-danni konsiderevoli dehru li sehhew bejn it-23 u is-26 t'April ta' l-2010. Ftit xhur wara dan l-incident, wara investigazzjoni mill-Pulizija, Darren Cross, Charlon Chetcuti u Noel Grech gew akkuzati quddiem il-Qorti illi wettqu dan ir-reat. Fl-ewwel dehra taghhom, fl-24 t'Awwissu ta' l-2010, l-akkuzati ammettew l-akkuzi dedotti kontro taghhom. B'hekk l-ewwel Qorti sabithom hatja gew immultati €1,000 kull wiehed u ordnati li jaghmlu servizz fil-komunita ghall-perjodu ta' tlett mitt siegha.

Ikkunsidrat:

L-appell ta’ l-Avukat Generali huma limitat ghal quantum tal-multa errogata mill-ewwel Qorti u dan peress ai termini tal-Ligi l-ewwel Qorti kienet f’pozizzjoni li timponi s-servizz fil-komunita pero l-multa errogata mill-ewwel Qorti marret ferm taht il-minimu rikjest mill-Ligi u dan skond li hemm stabbilit fir-regolament 15 u 15 (2) ta’ l-Avviz Legali 12/2001 maghrufa wkoll bhala l-Legislazzjoni Sussidjarja 435/12.

Ikkunsidrat:

Peress li llum il-Ligi hija ferm differenti minn dik illi kienet dak in-nhar li gie mwettaq dan ir-reat, il-Qorti sejra tapplika l-Ligi kif kienet dak in-nhar u meta nghatat is-sentenza ftit xhur wara l-kommissjoni tar-reat.

Jibda biex jinghat illi gie accettat illi gew imhassra u vvandalizzati mija u erbgha sigar tas- Snuber, li huma ndikati fit-taqsima B ta’ l-ewwel skeda tar-regolamenti taht it-titolu (Sigar imhassra strettament). Ir-regolament 15 ta’ l-Avviz Legali 12 tat-2001 dwar l-att biex ihares l-ambjent Kap 348, l-Artiklu 6 li jirrigwarda l-appellati, jipprojbixxi l-hsara jew il-qerda ta’ sigar li huma elenkati fl-iskedi 1, 2 u 3 fl-inhawi elenkati fl-iskeda numru 4. Il-pieni huma elenkati fil-paragrafu (2) tar-regolament 15, li f’kaz ta’ l-ewwel reat rigward sigar li huma elenkati fl-iskedi, multa ta’ mhux anqas minn erba’ mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87c) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghal kull sigra ta’ taht l-ghaxar snin fl-eta’. Is-sigar in kwistjoni huma ndikati fit-taqsima B ta’ l-ewwel skeda tar-regolarment in kwistjoni u gie wkoll accettat illi kellhom anqas minn ghaxar snin fl-eta’. Ghalhekk ghal dawk li jirrigwarda l-piena, japplika l-paragrafu (C) ta’ l-Artiklu 15 (2) tar-regolarment fuq imsemmi.

Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti errogat piena ferm taht il-minimu rikjest mill-Ligi skond it-termini tar-regolarment 15 (2) C ta’ l-Avviz Legali 12/2001 illi kien in vigore dak iz-

zmien illi sar ir-reat u jekk jigi applikat il-minimu ghal kull sigra u cioe €232.94 ghal mija u erbgha darbiet b'applikazzjoni ta' l-Artiklu 17 (F) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzati kellhom jehlu multa ta' €12,229.35 kull wiehed, ghal dan il-ksur u akkuza wahedha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell. Tikkonferma l-ewwel sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom, tirrevoka l-parti tas-sentenza li tikkoncerna multa, u minflok tikkundanna lil Darren Cross, Noel Grech u Charlon Chetcuti multa ta' €12,229.35 kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------